



Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2012

Sommarju Eżekuttiv

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni m'huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© Ritratt tal qoxra: iStockphoto

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju/i tad-dritt tal-awtur.

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas(*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(* Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server *Europa* (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar kif ukoll astratt tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013

ISBN 978-92-79-29116-6

ISSN 1831-2942

doi:10.2767/37120

© L-Unjoni Ewropea, 2013

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2012

Sommarju Eżekuttiv

Il-Kummissjoni Ewropea

id-Direttorat Ġenerali tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni
Taqsim B.1

Manuskritt li tlesta f'Diċembru 2012

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja li ilha taffettwa lill-Ewropa għal bosta snin tista' tabilħaqq tikkawża taqlib profund u fit-tul fl-istituzzjonijiet u l-prattiki tar-Relazzjonijiet Industrijali. Filwaqt li d-dokument *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2010* innota li d-djalogu soċjali kien fattur għal reżiljenza sabiex jingħelbu l-effetti bikrija tal-kriżi, din l-edizzjoni tal-2012 tikkonkludi li l-impatt tal-isfida tad-dejn sovrani u l-politiki ta' konsolidazzjoni baġitarja li qegħdin jiġu segwiti f'firxa wiesgħa ta' pajjiżi qegħdin jipproduċu aktar bidliet fundamentali fir-relazzjonijiet industrijali fl-Ewropa.

Id-dokument *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2010* innota li fil-parti bikrija tar-riċessjoni, meta l-impatt ewlieni ta' ekonomija li kulma jmur qiegħda tiċkien beda jinħass mis-settur privat, il-gvernijiet u l-imsieħba soċjali ta' spiss ħadmu flimkien sabiex itaffu l-impatti negattivi fuq l-impjegati. Minkejja d-differenzi sinjifikanti bejn il-pajjiżi u s-setturi li diġà kien hemm evidenza tagħhom fl-2010, tali soluzzjonijiet ħafna drabi kienu bbażati fuq l-użu estensiv tal-flessibilità interna u ffokaw fuq skemi ta' ħidma għal perjodu ta' żmien qasir, kif ukoll appoġġ għas-sistema bankarja u għal industriji speċifiċi — bħall-industrija tal-karozzi — permezz ta' arranġamenti fiskali speċjali. Id-djalogu soċjali, kemm dak bipartitiku kif ukoll dak tripartitiku, tqies bħala mekkaniżmu utli, flessibbli u effikaċi li kkontribwixxa b'mod pożittiv għall-promozzjoni tar-reżiljenza u għall-ġenerazzjoni ta' kunsens soċjali fid-dawl tal-kriżi.

Minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-kriżi kibret u nfixret f'setturi oħrajn tal-ekonomija, inkluż is-settur pubbliku, hekk kif il-kriżi finanzjarja nbidlet fi kriżi ta' dejn sovrani u għamlet il-konsolidazzjoni fiskali objettiv ewlieni tal-politiki dwar l-aġġustament makroekonomiku. Dan irriżulta f'ambjent xejn favorevoli għad-djalogu soċjali, li sar aktar kunflittwali f'ħafna pajjiżi u setturi, xejra li kienet partikolarment viżibbli fis-settur pubbliku. Karatteristika ewlenija waħda tas-settur pubbliku hija li r-relazzjoni tax-xogħol tiġi rregolata minn liġijiet li huma differenti minn dawk li jirregolaw is-settur privat. Karatteristika ewlenija tar-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku hija l-istatus tal-impjegati bi dritt tax-xogħol u b'karrieri tul ھاڟي-thom, u l-istatus tal-Istat bħala impjegatur wieħed. Dan jimplika drittijiet u dmirijiet differenti għall-impjegati fis-settur pubbliku, inklużi xi limitazzjonijiet fuq in-negozjar kollettiv u d-dritt li l-ħaddiema jistrajkjaw. Dan ir-regolament legali differenti u r-rwol speċjali tas-settur pubbliku jiffavorixxu l-ispjegazzjoni tad-differenzi bejn iż-żewġ setturi f'termini tad-dimensjonijiet ewlenin tar-relazzjonijiet industrijali, bħan-negozjar kollettiv u l-organizzazzjoni u r-rwol tal-imsieħba soċjali. F'dan ir-rapport, is-settur pubbliku huwa meqjus bħala li jkopri l-gvern ċentrali u lokali, flimkien mas-setturi tas-saħħa u tal-edukazzjoni.

B'reazzjoni għall-kriżi ta' dejn pubbliku, l-approċċ tal-gvernijiet nazzjonali għas-settur pubbliku kien li jiħaffu u jiġu intensifikati b'mod drammatiku r-riformi strutturali fit-tul eżistenti, filwaqt li l-metodi magħżula għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet

sikwit eskudew l-użu tad-djalogu soċjali. Jistgħu jiġu identifikati żewġ sitwazzjonijiet: l-ewwel waħda tkopri numru limitat ta' pajjiżi fejn ix-xejra lejn ir-ristrutturar fit-tul fis-settur pubbliku, bil-għan li jinkisbu gwadanji f'termini ta' effiċjenza, tissokta b'approċċ aktar ibbilanċjat u b'limitazzjoni tal-konflitti, filwaqt li tippreserva l-kamp ta' applikazzjoni għal soluzzjonijiet maqbula b'mod kollettiv bejn it-trejdjunjins u l-impjegati fis-settur pubbliku. It-tieni waħda tkopri l-pajjiżi fejn qegħdin jiġu implimentati programmi ta' konsolidazzjoni fiskali u mhux biss dawk il-pajjiżi li jirċievu assistenza finanzjarja mill-Unjoni Ewropea u mill-Fond Monetarju Internazzjonali. Għal dawk il-pajjiżi mill-quta mill-kriżi tad-dejn, il-konsolidazzjoni fiskali, l-istabbiltà finanzjarja u r-riformi strutturali huma kundizzjonijiet li jerġgħu jroddu l-kunfidenza, jerġgħu jistabbilixxu s-solvenza fiskali u jrawmu t-tkabbir ekonomiku fuq perjodu ta' żmien medju. F'dawn il-pajjiżi, il-miżuri huma neċessarjament aktar severi minn dawk li ttieħdu minn kumpaniji privati matul ir-riċessjoni tal-perjodu 2008–2010.

Finanzi pubbliċi b'saħħithom jiffaċilitaw l-abbiltà tal-gvernijiet li jfasslu u jimplementaw politiki li jagħmlu distinzjoni bejn l-elementi tal-Mudell Soċjali Ewropew, bħall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u l-finanzjament sostanzjali għal servizzi pubbliċi ewlenin bħas-saħħa u l-edukazzjoni. Għalhekk, ħafna miżuri ġew iddisinjati sabiex jikkoreġu l-iżbilanċi fiskali u jroddu lura l-kunfidenza tas-swieq finanzjarji fil-kapaċità tal-gvernijiet nazzjonali sabiex ifasslu u jimplementaw politiki fiskali sostenibbli u responsabbli. F'xi pajjiżi, dawn il-miżuri kienu jinkludu riformi tas-sistemi tan-negozjar kollettiv, fejn dawn kienu meqjusa bħala parti mill-problemi li kellhom jiġu indirizzati. Anki jekk il-Kummissjoni dejjem għamlet enfasi fuq l-importanza tad-djalogu soċjali, tal-awtonomija tal-imsieħba soċjali u tar-rispett għaċ-ċirkostanzi u l-prattiki nazzjonali, ir-riformi mhux dejjem kienu akkumpanjati minn djalogu soċjali effettiv għal kollox.

Dawn ir-riformi ġibdu l-attenzjoni lejn in-nuqqas ta' flessibilità tal-għodod klassiċi tal-mekkaniżmi tan-negozjar kollettiv u ta' sistemi oħrajn għall-prevenzjoni tal-konflitti, bħall-klawżoli ta' indiċjar u estensjoni. F'ċirkostanzi bħal dawn, għad hemm ftit spazju ta' negozjar sabiex ikun jista' jopera d-djalogu soċjali, filwaqt li l-valutazzjoni globali aktar pożittiva tar-rapport *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2010* ma tistax tiġi ripetuta għall-perjodu sussegwenti.

L-impatt tal-kriżi fuq ir-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku huwa wieħed qawwi, b'mod partikolari għat-trejdjunjins. Għal xi żmien issa, is-settur pubbliku pprova grupp ewlieni ta' membri trejdjunjonistiċi. Id-densità tat-trejdjunjins f'ħafna Stati Membri kienet konsiderevolment oġġla fis-settur pubbliku milli fis-settur privat, filwaqt li taħlita ta' politiki ta' awsterità li wasslu għal xejriet demografiċi u settur pubbliku li qiegħed jiċkien x'aktarx li tkompli tnaqqas id-densità tat-trejdjunjins fis-servizzi b'mod ġenerali fis-snin li ġejjin. Bħala riżultat

tar-riformi fis-settur pubbliku u l-ambjent kunflittwali attwali, ir-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku kważi ċertament inbidlu b'mod fundamentali.

Filwaqt li x-xejriet riċenti fir-relazzjonijiet industrijali madwar l-Ewropa huma inkwetanti, l-evidenza hija ċara li djalogu soċjali strukturat tajjeb jista' jipproduċi riżultati pożittivi, li w'hom minn-hom huma ddokumentati f'dan ir-rapport. Kif kien il-każ diġà fl-2010, il-pajjiżi fejn id-djalogu soċjali huwa stabbilit sewwa u fejn ir-relazzjonijiet industrijali mal-istituzzjonijiet huma b'saħħithom ġeneralment għandhom dawk fejn is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali hija aktar reżiljenti u inqas taħt pressjoni. Dan jirrifletti wkoll in-natura dipendenti fuq il-mogħdija storika tar-relazzjonijiet industrijali.

Dan ir-rapport isostni li l-mekkaniżmi u l-istrumenti tad-djalogu soċjali, li servew lill-Ewropa għal ħafna għexieren ta' snin, għandhom mezzi rilevanti sabiex jindirizzaw il-kriżi u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għat-tkabbir u l-impjiegi. Lil hinn mid-diversità kollha tas-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali, id-djalogu soċjali huwa komponent ewlieni tal-mudell soċjali Ewropew u r-rwol vitali tiegħu huwa rikonoxxut mit-Trattati Ewropej, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Ir-relazzjonijiet industrijali — kemm jekk fis-settur pubbliku jew fis-settur privat — huma fundamentali għall-ġestjoni tal-kunflitti u sabiex jinstabu soluzzjonijiet maqbula f'ċirkostanzi diffiċli. Madankollu, sabiex ikunu effettivi, ir-relazzjonijiet industrijali għandhom jiżviluppaw fi klima ta' fehim u fiduċja reċiproki, filwaqt li jinkoraġġixxu l-effiċjenza ekonomika u l-motivazzjoni, il-produttività u l-iżvilupp tal-ħaddiema. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni għamlet enfasi fuq il-ħtieġa li jiġu mmodernizzati s-sistemi tal-iffissar tal-pagi, filwaqt li jiġi rrispettat ir-rwol tal-imsieħba soċjali u n-negozjar kollettiv fil-proċess. Il-Kummissjoni hija impenjata li tippromwovi u tappoġġja d-djalogu soċjali f'kull parti tal-UE, filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ l-awtonomija tal-imsieħba soċjali u d-diversità tas-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali.

Ir-rapport *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2012* jagħti ħarsa wiesgħa lejn l-istat tar-relazzjonijiet industrijali fl-UE fiż-żmien preżenti. Huwa parzjalment ibbażat fuq kontribuzzjonijiet esperti u jiġbor fil-qosor il-fehmiet espressi mill-partijiet interessati, li jistgħu jkunu differenti mill-pożizzjoni mħaddna mill-Kummissjoni. Il-kapitolu 1 jippreżenta ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet kwantitattivi prinċipali fl-indikaturi tar-relazzjonijiet industrijali madwar l-UE. Il-kapitolu 2 tar-rapport jagħti ħarsa fid-dettall lejn ir-relazzjonijiet industrijali fl-“Istati Membri l-ġodda” tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Il-kapitolu 3 jippreżenta tipoloġija tal-istruttura tar-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku fuq il-bażi tal-karatteristiċi speċifiċi u ta' analiżi miġbura. Il-kapitolu 4 jippreżenta analiżi tal-proċess ta' aġġustament fis-settur pubbliku matul il-kriżi f'termini tal-intensità tagħha u l-forom ta' djalogu soċjali l-aktar affettwati. Hemm ukoll aġġornament dwar il-mod li bih

l-imsieħba soċjali qegħdin jindirizzaw il-kwistjoni tal-impjiegi ekoloġiċi (il-kapitolu 5) u eżaminazzjoni tar-rwol li għandhom l-imsieħba soċjali fid-diskussjonijiet dwar ir-riformi tas-sistemi tal-benefiċċji u l-pensjonijiet fl-Istati Membri (il-kapitolu 6). Il-pubblikazzjoni hija ffinalizzata b'sommarju tal-iżviluppi u r-reazzjonijiet fid-djalogu soċjali fil-livell Ewropew (il-kapitolu 7) u deskrizzjoni tal-iżviluppi prinċipali fil-liġi Ewropea dwar ix-xogħol (il-kapitolu 8).

Kapitolu 1 — Ħarsa ġenerali lejn ir-relazzjonijiet publiċi fis-settur pubbliku, fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew

Dan il-kapitolu jippreżenta ħarsa ġenerali lejn ir-relazzjonijiet industrijali fl-UE, billi jieħu nota tax-xejriet prinċipali u d-differenzi ewlenin. Huwa jstabilixxi x-xena għall-bqija ta' dan ir-rapport billi jipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku u jqabblu mas-settur privat madwar l-UE. Ir-relazzjonijiet industrijali fis-27 Stat Membru tal-UE ġeneralment jiġu ppreżentati b'ħala li jikkomprenđu differenzi kbar bejn il-pajjiżi. B'kuntrastrast ma' dan, ir-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku huma kkaratterizzati minn livell ogħla ta' omoġenità fost il-pajjiżi, għalkemm b'firxa ta' differenzi bejn il-pajjiżi, minħabba fatturi bħat-tradizzjonijiet nazzjonali u n-natura preċiża tar-rwol tal-Istat.

Ir-relazzjonijiet industrijali fl-UE ġeneralment seggew ix-xejriet sekulari li ġew identifikati f'rapporti preċedenti ta' Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa. In-negozjar kollettiv kellu t-tendenza li jsir aktar deċentralizzat, bl-indiċi jaqa' minn 2.15 għal 1.98 sa mir-rapport tal-2010. Il-kopertura tan-negozjar kollettiv tvarja b'mod wiesa' fost l-UE, minn madwar 20% għal 100%, liema varjazzjoni tiddependi, sa ċertu punt, fuq it-tipoloġija tal-mudell tar-relazzjonijiet industrijali f'kull pajjiż (ara IRE 2008, it-Tabella 2.2). Il-medja għall-EU-27 hija ta' 66%, iżda hija 44% biss fis-CEECs. It-tnaqqis sekulari fis-sħubija trejdjunjistika, li ilha għaddejja sa mit-tmeninijiet (1980s), issokta b'ħall-frammentazzjoni tat-trejdjunjins, minkejja l-bosta fużjonijiet ta' profil għoli b'ħala strateġija sabiex jiġi llimitat dan it-tnaqqis. Id-densità tat-trejdjunjins stabbilizzat ruħha kemmxejn f'rata ta' 24% u għadha ferm aktar baxxa fis-settur privat milli fis-settur pubbliku fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, is-sitwazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu baqgħet fil-biċċa l-kbira tagħha stabbli, b'mod partikolari f'dawk il-pajjiżi fejn is-sħubija ta' tali organizzazzjonijiet hija kważi obligatorja, minkejja li tali arranġamenti ġew illaxkati xi ftit.

B'ħala regola ġenerali, il-kopertura tan-negozjar kollettiv u l-grad ta' deċentralizzazzjoni tan-negozjar kollettiv fis-settur pubbliku huma ogħla kważi fl-Istati Membri kollha tal-UE,

meta mqabbla mas-settur privat. B'mod partikolari, kopertura oġhla tan-negozjar kollettiv tista' tiġi spjegata minn fatturi bħal rikonoxximent akbar tal-Istat bħala impjegatur għan-negozjar kollettiv per se, kif ukoll tat-trejdjunjins bħala msieħba. Il-grad oġhla ta' deċentralizzazzjoni tan-negozjar kollettiv jiddependi fuq l-interess prevalenti tal-awtoritajiet tal-Istat ċentrali sabiex iżommu l-influenza u l-kontroll tagħhom fil-proċess ta' formazzjoni tal-pagi. Barra minn hekk, id-densità tal-unjoni fis-settur pubbliku ġeneralment tkun oġhla milli fis-settur privat, li tista' tiġi spjegata mid-definizzjoni kollettiva tal-istatus tal-impjeg tagħhom u rikonoxximent akbar tar-rwol tat-trejdjunjins mill-impjegaturi fis-settur pubbliku.

Fis-snin riċenti, l-iżviluppi tar-relazzjonijiet industrijali kienu dejjem aktar ikkaratterizzati minn ċerti xejriet sekulari: it-tnaqqs fis-sfubija tal-organizzazzjonijiet ta' msieħba soċjali, id-deċentralizzazzjoni tan-negozjar kollettiv u inqas koordinazzjoni u konċentrazzjoni. Ir-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku ġew imbottati f'riformi strutturali profondi mmirati lejn kosteffiċjenza akbar, l-aktar taħt il-pessjoni tal-objettivi ta' konsolidazzjoni fiskali, iżda wkoll bħala riżultat tal-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda. Tali riformi wasslu għal tnaqqis fis-servizzi pubbliċi, kif ukoll għal esternalizzazzjoni ta' servizzi pubbliċi lil organizzazzjonijiet immexxija mill-privat, jew il-privatizzazzjoni ta' partijiet mis-settur pubbliku, filwaqt li kkontribwixxew għat-trasformazzjoni tar-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku. B'mod partikolari, matul l-aħħar deċennji, kien hemm ukoll xejriet lejn id-divrenzjar bejn gruppi ta' ħaddiema u d-deċentralizzazzjoni. Madankollu, dawn ix-xejriet żviluppaw b'kobor u veloċitajiet differenti fi Stati Membri differenti tal-UE u fis-settur privat u f'dak pubbliku. Il-kriżi tal-aħħar snin serviet sabiex tħaffef uħud mir-riformi li diġà bdew fis-settur pubbliku, għalkemm il-veloċità tal-istess kriżi kellha impatt qawwi fuq l-impjegati u implikazzjonijiet sinjifikanti għall-ġejjieni tar-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku.

Kapitolu 2 — L-iżviluppi tar-relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri l-ġodda fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant

It-tkabbir tal-UE fl-2004 u fl-2007 żied id-diversità tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali madwar l-UE. B'mod partikolari, l-Istati Membri l-ġodda fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (il-Pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, CEECs) żiedu l-varjazzjoni fil-karatteristiċi strutturali u istituzzjonali tar-relazzjonijiet industrijali fl-UE. Meta mqabbla mal-EU-15, is-CEECs huma kkaratterizzati minn trejdjunjins aktar dgħajfa u minn tgħawwir aktar malajr tad-densità tat-trejdjunjins, nuqqas ta' assoċjazzjonijiet ta' impjegaturi stabbiliti, ebda tradizzjoni ta' negozjar kollettiv bipartitiku b'bosta impjegaturi, kopertura ta' negozjar persistentement aktar baxxa (parzjalment minħabba sistema

li għadha mhijiex żviluppata biżżejjed ta' estensjoni ta' ftehim kollettiv) u, fl-aħħarnett, tripartitiżmu formali b'saħħtu li jissostitwixxi parzjalment is-sistemi ta' negozjar kollettiv li għadhom mhumiex żviluppati biżżejjed fil-livell settorjali.

Madankollu, ir-rwol tat-tripartitiżmu u tal-patti soċjali, kif ukoll l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fuq il-post tax-xoġhol iwarjaw ukoll fost is-CEECs, fattur li jirrifletti l-interessi differenti tal-gvernijiet fl-introduzzjoni ta' strutturi ta' negozjar stabbli, kif ukoll il-firxa tas-sfubija tal-organizzazzjonijiet kollha tal-imsieħba soċjali. Filwaqt li hija xi ħaġa normali li ssir referenza għas-CEECs bħala li għandhom sistemi ta' relazzjonijiet industrijali simili, dan il-kapitolu jenfasizza d-diversità tar-reġimi u tal-mudelli. Xi CEECs (l-Estonja, il-Bulgarija, il-Latvja, il-Litwanja u r-Rumanija) huma kkaratterizzati bl-aħjar mod minn istituzzjonijiet tripartitiċi stabbiliti jew infurzati b'mod dgħajjef, negozjar frammentat (bl-eċċezzjoni tar-Rumanija) u densità tal-unjoni li tvarja bejn il-pajjiżi Baltiċi (l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja) u l-pajjiżi Balkani (il-Bulgarija, ir-Rumanija). Il-pajjiżi Visegrad (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakja) kollha għandhom tripartitiżmu li rabba' l-għeruq, istituzzjonijiet għan-negozjar kollettiv u rappreżentanza tal-impjegati. Ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakja għandhom tendenza akbar ta' tradizzjoni ta' dialogu soċjali u livell oġhla ta' koordinazzjoni tan-negozjar mill-Polonja u l-Ungerija. Madankollu, filwaqt li l-Ungerija u l-Polonja huma eżempji ta' pajjiżi b'kopertura ta' negozjar deċentralizzata u frammentata, l-Ungerija hija kkaratterizzata wkoll mill-istruttura ta' kooperazzjoni tagħha fuq livell nazzjonali. Is-Slovenja, li hija l-uniku CEEC korporattiv, għamlet passi akbar fl-istituzzjonalizzazzjoni tan-negozjar ikkoordinat, ir-rappreżentanza tal-impjegati, il-patti soċjali u l-kopertura tan-negozjar.

Filwaqt li hemm diversità wiesgħa bejn il-pajjiżi, l-istituzzjonijiet (u l-atturi) tar-relazzjonijiet industrijali fis-CEECs għadhom dgħajfa u frammentati, u ċerti żviluppi li kien hemm f'dan ir-rigward huma inkwetanti, b'mod partikolari minħabba li wħud mir-riformi li għaddejjin bħalissa qegħdin idgħajfu l-kunsens li huwa meħtieġ għal involviment effettiv tal-imsieħba soċjali fl-adattamenti għall-bidla: f'numru minn dawn il-pajjiżi, ir-reazzjonijiet għall-kriżi qegħdin jiġġeneraw relazzjonijiet industrijali dejjem aktar kunflittwali. Jeħtieġ li tingħata haġja ġdida lis-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali u li jiġu appoġġjati l-azzjonijiet tagħhom sabiex jiġi promoss u jitreġġa' lura l-kunsens bil-għan li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tar-riformi soċjali u ekonomiċi li għaddejjin bħalissa.

Il-kapitolu jesplora l-potenzjal tal-imsieħba soċjali fis-CEECs sabiex jistabbilizzaw u jinnovaw l-istrutturi tar-relazzjonijiet industrijali tagħhom billi jwieġbu għall-iżviluppi fis-suq tax-xoġhol wara t-tkabbir tal-UE u l-kriżi ekonomika. Waħda mill-isfidi ewlenin tal-perjodu ta' wara t-tkabbir kienet l-immigrazzjoni mis-CEECs lejn l-EU-15, li wasslet sabiex it-trejdjunjins f'ċerti CEECs u setturi jinnegozjaw kundizzjonijiet tax-xoġhol imtejba

bil-għan li jrażżnu l-fluss tal-immigrazzjoni. Barra minn hekk, wara s-sħubija fl-UE, ċerti kumpaniji transnazzjonali pprovdew inċentivi bil-mira li jagħmlu r-relazzjonijiet industrijali madwar is-CEECs aktar Ewropej, tant li waqqfu Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej (EWCs) li huma attivi sew. Filwaqt li l-evidenza dwar it-traspożizzjoni tal-istandards soċjali lis-CEECs permezz ta' kumpaniji transnazzjonali u l-EWCs għadha mxerrda, hemm xi eżempji pożittivi ta' tali kumpaniji li qegħdin iżidu l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu fost is-CEECs.

Il-kriżi ekonomika pprovokat reazzjonijiet mill-imsieħba soċjali fil-livell tal-kumpaniji, settorjali u nazzjonali f'dawn il-pajjiżi, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. Filwaqt li wħud minnhom raw xi fteit reazzjonijiet innegożjati għall-kriżi permezz ta' patti soċjali u l-konsolidazzjoni tan-negożjar kollettiv, f'xi pajjiżi u każijiet oħrajn, ir-relazzjonijiet industrijali saru aktar kunflittwali u t-trejdjunjins għażlu li jieħdu azzjoni industrijali sabiex jippressaw it-talbiet tagħhom wara li ġew esklużi min-negożjati diretti. Dawn ix-xejriet jirriflettu dawk li ġew esperjenzati fil-pajjiżi tal-EU-15 matul l-ewwel fażi tal-kriżi fil-perjodu 2008–2010, u indikaw li kien hemm xi dewmien fir-reazzjonijiet mogħtija fis-CEECs b'madwar sena sa sena u nofs. Il-kapitolu jiddiskuti kif tali azzjoni tista' tgħin sabiex tingħata sura għda lir-rwol tas-sħubija soċjali u tal-istituzzjonijiet tar-relazzjonijiet industrijali fis-CEECs. Min-naħa l-oħra, il-kapitolu jiddokumenta l-*potenzjal* għat-teħid ta' azzjoni organizzata f'dawk il-pajjiżi fejn it-trejdjunjins huma strutturalment dgħajfa u l-bażi tas-sħubija tagħhom qiegħda tonqos. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rikonoxxut li tali azzjoni mhux dejjem gābet magħha titjib sostanzjali għall-impjegati, vittorji għat-trejdjunjins u konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet tan-negożjar u d-djalogu soċjali. Element kritiku huwa l-kapaċità tal-imsieħba soċjali: kemm l-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu kif ukoll it-trejdjunjins għandhom bżonn itejbu l-kapaċità organizzattiva u amministrattiva tagħhom. Il-firxa ta' kemm l-imsieħba soċjali involvew ruħhom f'azzjoni ta' wara t-tkabbir u ta' wara l-kriżi, kif ukoll tar-riżultati sostantivi ta' tali azzjoni, ta' spiss tiġi kkontestata jew limitata fiż-żmien. Jeħtieġ li l-imsieħba soċjali tas-CEECs ikomplu jsaħħu l-pożizzjoni strutturali tagħhom u jiżviluppaw kapaċità addizzjonali sabiex jipproduċu riżultati sostenibbli fil-konsolidazzjoni tad-djalogu soċjali u tas-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali lejn mudell ta' negożjar kollettiv fil-biċċa l-kbira tiegħu bipartitiku.

Kapitolu 3 — Ir-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku fi tranżizzjoni

Ir-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku huma aktar uniforni milli fis-settur privat, iżda jvarjaw bejn il-pajjiżi f'termini tad-daqs u l-istruttura tal-impjegati fis-settur pubbliku, l-istatus tax-xogħol tal-impjegati pubbliċi, l-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu u t-trejdjunjins, is-sistemi tal-iffissar tal-pagi, il-grad

ta' ċentralizzazzjoni/deċentralizzazzjoni tan-negożjar kollettiv, il-kunflitti industrijali u r-riżoluzzjoni tat-tilwim. Anki l-kunċett tas-settur pubbliku nnifsu qiegħed jevolvi minħabba l-bidliet strutturali fl-organizzazzjoni u l-kunsinna ta' servizzi ta' interess ġenerali.

Karatteristika ċentrali hija jekk il-kuntratt tax-xogħol jiġix stabil mill-istatut tal-liġi pubblika jew mill-liġi dwar l-impjegati. Din id-distinzjoni hija marbuta maż-żewġ approċċi tradizzjonali għar-relazzjonijiet tax-xogħol fis-settur pubbliku, jiġifieri l-“impjegatur sovrān” u l-“impjegatur mudell”. Fl-ewwel każ, l-impjegati ċivili jgawdu minn prerogattivi speċjali, bħas-sigurtà tax-xogħol, iżda għandhom jikkonformaw ma' obbligi ta' servizzi speċifiċi u jistgħu jiffaċċjaw xi limitazzjonijiet fuq id-dritt li jinnegożjaw b'mod kollettiv, kif ukoll fuq id-dritt li jistrajkjaw. Dan huwa tipiku għal pajjiżi bi tradizzjoni ta' Rechtsstaat u, f'livelli differenti, f'xi pajjiżi oħrajn, inklużi dawk fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. It-tieni approċċ huwa tipiku għall-qafas tal-liġi komuni tar-Renju Unit, fejn ma teżisti ebda diviżjoni fundamentali bejn il-leġiżlazzjoni dwar l-impjegati fis-settur pubbliku u fis-settur privat: hawnhekk, in-negożjar kollettiv huwa l-metodu prinċipali sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet tax-xogħol, fi ħdan attitudni ta' impjegaturi tradizzjonalment aktar beninni lejn it-trejdjunjins milli fis-settur privat.

L-istruttura tar-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku għandha karatteristiċi speċifiċi ħafna, iżda hemm ħafna aspetti li huma komparabbli mas-settur privat. In-negożjar kollettiv fis-settur pubbliku u s-sistemi tal-iffissar tal-pagi għaddew minn żewġ xejriet konnessi: id-deċentralizzazzjoni, f'qafas ikkoordinat ċentralment jew barra minnu; u s-sostituzzjoni parzjali ta' sistemi ta' karrieri u pagi bbażati fuq l-anzjanità b'sistemi bbażati fuq il-prestazzjoni, li wasal għal differenzi fil-karrieri u fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjegati fis-settur pubbliku.

Ir-relazzjonijiet tax-xogħol fis-settur pubbliku għandhom juru diversità kbira fost is-27 Stat Membru tal-UE, li għandhom l-għerūq tagħhom fi tradizzjonijiet legali u istituzzjonali speċifiċi għall-pajjiżi, minkejja xi xejriet lejn konverġenza, kemm bejn il-pajjiżi kif ukoll bejn is-settur pubbliku u s-settur privat f'kull pajjiż.

Jistgħu jiġu identifikati ħames tipi ta' pajjiżi. L-ewwelnett, hemm il-pajjiżi Nordiċi, li huma kkaratterizzati minn: proporzjon għoli ta' impjegati fis-settur pubbliku; preżenza femminili sinjifikanti; l-armonizzazzjoni bejn il-karrieri tal-impjegati taċ-ċivil u l-impjegati taħt kuntratti ordinarji; densità għolja ħafna ta' trejdjunjins; prattiki ta' negożjati kollettivi li jvarjaw ħafna b'forom ta' pagi relatati mal-prestazzjoni, fi ħdan sistema ta' negożjar deċentralizzata fuq żewġ livelli b'mekkaniżmi ta' koordinazzjoni b'saħħithom; u xi restrizzjonijiet għad-dritt tal-impjegati li jistrajkjaw, iżda b'mekkaniżmi speċjali għal riżoluzzjoni ta' tilwimiet kollettivi.

It-tieni grupp ta' pajjiżi huwa kompost mill-Ġermanja, Franza, l-Awstrija, il-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi u huwa kkaratterizzat minn tradizzjoni ta' Rechtsstaat u komponent qawwi ta' impjegati taċ-ċivil b'karriera, b'restrizzjonijiet severi fuq id-drittijiet tan-negozjar u, f'xi każijiet, fuq id-dritt li l-impjegati jistrakjaw. Fil-pajjiżi kollha, is-sistema tal-iffissar tal-pagi hija relattivament ċentralizzata, is-sehem tal-impjegati fis-settur pubbliku huwa għoli f'xi pajjiżi iżda baxx f'pajjiżi oħrajn, is-sehem tal-impjegati fost in-nisa huwa għoli fil-każijiet kollha, filwaqt li hemm rati differenti ta' xogħol temporanju u part-time.

It-tielet grupp ta' pajjiżi huwa kompost mill-pajjiżi tan-nofsinar tal-Ewropa, b'karatteristiċi bħall-istatus tax-xogħol speċjali ta' sehem kbir ta' impjegati fis-settur pubbliku u ebda ambitu jew ambitu limitat għan-negozjar kollettiv, għalkemm matul dawn l-aħħar snin, l-Italja mxiet lejn il-grupp tal-pajjiżi Nordiċi. Id-densità tat-trejdjunjins hija għolja jew medja-għolja u s-sehem tal-impjegati fis-settur pubbliku huwa komparattivament medju-baxx. Ġeneralment, l-ishma tal-impjegati part-time u tan-nisa huma baxxi, filwaqt li l-inkidenza ta' ħaddiema temporanji tvarja.

Il-grupp finali huwa dak tal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (CEECs). Il-maġġoranza tagħhom għandhom sehem komparattivament żgħir ta' impjegati fis-settur pubbliku, bi preżenza relattivament għolja tan-nisa. Hemm sehem limitat ta' xogħol part-time u temporanju. It-trejdjunjins ġeneralment ikunu dgħajfa, speċjalment fl-amministrazzjoni ċentrali. Il-prattika tan-negozjar kollettiv hija limitata ħafna. Fejn jeżisti n-negozjar, dan sikwit isir biss fil-livell tal-impjegati individwali. B'konsegwenza ta' dan, il-kopertura tan-negozjar hija baxxa ħafna. F'xi pajjiżi jeżistu istituzzjonijiet tad-djalogo soċjali, iżda r-rwol tagħhom tnaqqas b'mod sinjifikanti fis-snin riċenti. Hemm ukoll restrizzjonijiet fuq id-dritt li l-impjegati jistrakjaw, speċjalment fl-amministrazzjoni ċentrali. B'mod ġenerali, dan il-grupp huwa kkaratterizzat minn dgħjufija tal-istituzzjonijiet u l-prattiki tar-relazzjonijiet industrijali, bis-Slovenja tkun l-eċċezzjoni prinċipali.

Ir-Renju Unit huwa każ apparti, minħabba bosta pekuliaritajiet: huwa ma għandu ebda status speċjali għall-impjegati pubbliċi, inklużi l-impjegati taċ-ċivil. Dan il-pajjiż għandu Prattiki ta' negozjar imxerrdin ħafna, fi ħdan struttura ta' negozjar f'livell wieħed, li madankollu huma appoġġjati mis-sistema tal-korpi ta' reviżjoni tal-pagi, filwaqt li ma għandu ebda limitazzjoni speċjali fuq id-dritt ta' assoċjazzjoni u fuq id-dritt tal-impjegati li jistrakjaw, bl-eċċezzjoni ta' xi ftit gruppi. In-negozjati huma deċentralizzati fis-servizz ċivili, għalkemm mill-aħħar tad-disgħinijiet (1990s) bdew jiġu adottati miżuri li jnaqqsu l-frammentazzjoni u d-distribuzzjoni tal-pagi. Id-densità tat-trejdjunjins f'dan il-pajjiż hija medja-għolja f'termini komparattivi u kważi erba' darbiet ogħla milli hija fis-settur privat.

F'din id-diversità, il-kriżi eżerċitat xi pressjonijiet komuni: ritorn lejn l-unilateraliżmu min-naħa tal-gvernijiet u l-impjegaturi pubbliċi għad-detriment ta' ċerti forom ta' djalogo soċjali, li xi drabi kien strumentali għall-introduzzjoni jew għat-tiħin tal-prattiki tal-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-istil tas-settur privat; tnaqqis tal-prerogattivi speċjali tal-impjegati fis-settur pubbliku, fejn dawn kienu jeżistu; l-iffissar tal-pagi minn fuq għal isfel u rwol imnaqqas tat-trejdjunjins, f'dak li għandu x'jaqsam mar-rati ta' densità u l-kapaċità li jinfluwenzaw lill-gvern u l-politiki tal-impjegaturi pubbliċi.

Kapitolu 4 — Il-konsegwenzi tal-kriżi għar-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja poġġiet ir-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku taħt pressjoni. Sar skrutinju aktar qawwi fuq l-effettività u l-effikaċja tal-infiq pubbliku; ir-rwol ta' partijiet interessati ewlenin, bħat-trejdjunjins fis-settur pubbliku, ġie kkontestat, filwaqt li l-impjegaturi awtonomi b'mod formali, b'awtorità deċentralizzata, kienu soġġetti għal kontroll maniġerjali u finanzjarju strett mill-qalba tal-gvern. Huwa inkontestabbli li, filwaqt li fil-bidu, ir-rispons għall-ewwel fażi tal-kriżi kien jinvolvi primarjament lis-settur privat, il-gvernijiet immiraw lis-settur pubbliku bħala settur ewleni għal aġġustament, anki sabiex jiksbu distribuzzjoni aktar ekwitabbli tal-piż tal-aġġustament u sabiex jipromwovu r-riallokazzjoni settorjali lejn setturi negozjabbli.

Filwaqt li żammew il-konsolidazzjoni fiskali f'moħħom, il-gvernijiet ipprovwaw inaqqsu l-infiq billi rrikorrew b'mod estensiv għall-iffriżar tal-pagi, tnaqqis fil-pagi, tnaqqis fl-impjegati u bidliet fl-arranġamenti tal-pensjonijiet. Barra minn hekk, il-ħin tax-xogħol ġie rrifformat u l-mudelli tal-organizzazzjoni tax-xogħol ġew riveduti sabiex tittejjeb il-kost-effikaċja. Min-natura tagħhom stess, dawn il-miżuri mhux dejjem ġew ippromulgati bil-kunsens sħiħ tat-trejdjunjins. B'mod aktar ġenerali, il-proċess tal-aġġustament kien differenti ħafna mill-istrateġiji segwiti mis-settur privat kif deskritti fir-rapport *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2010*. Anki jekk uħud mill-miżuri jstgħu jiġu ġustifikati mill-ħtieġa ta' aġġustament fiskali, kien hemm każijiet fejn il-klima tar-relazzjonijiet industrijali ġiet iddeterjorata.

Għalkemm l-Istati Membri kollha ntlawtu mill-kriżi, il-proċess u s-severità tal-aġġustament varjaw bejn il-pajjiżi. Ma hemm ebda diviżjoni sempliċi bejn il-pajjiżi tat-Tramuntana tal-Ewropa versus il-pajjiżi tal-Mediterran, kif ta' spiss jiġi preżunt. L-ewwel grupp ta' pajjiżi, kif eżemplifikat mill-Greċja, mill-Irlanda u mill-Portugall, għandhom l-akbar programmi ta' aġġustament minħabba li huma qegħdin jiffaċċjaw sfida kumplessa sabiex jiksbu l-konsolidazzjoni fiskali u jsaħħu

L-effikaċja tas-servizzi pubbliċi. Minħabba li hemm tradizzjoni limitata ta' riforma strutturali tas-settur pubbliku f'dawn il-pajjiżi, l-impatt tal-konsolidazzjoni fiskali kien komparattivament akbar, filwaqt li kien aktar diffiċli li jsir djalogu soċjali fis-settur pubbliku. F'kuntest politiku u ekonomiku differenti, il-programmi ta' awsterità fl-Istati Baltiċi, iżda wkoll fl-Ungerija u fir-Rumanija, huma eżempju ta' dan il-mudell ta' aġġustament. F'dawn il-każijiet, bl-eċċezzjoni tal-Irlanda, il-gvernijiet ma għabux il-bidliet miftiehma fir-rigward tar-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku permezz ta' proċess ta' djalogu soċjali. Minflok, il-bidliet unilaterali fil-pagi u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, ġeneralment f'aktar minn okkażjoni waħda, ġew imposti fuq il-ħaddiema fis-settur pubbliku.

It-tieni grupp ta' pajjiżi ntliaqtu wkoll mill-pressjonijiet tal-konsolidazzjoni fiskali, iżda l-għażla taż-żmien u l-forma tal-programmi ta' aġġustament kienu aktar taħt il-kontroll dirett tal-gvernijiet nazzjonali tagħhom. Ġeneralment, dan kien jinvolvi l-adattament jew il-kontinwazzjoni tar-riformi strutturali li fittxew li jagħtu spinta lill-effettività u l-effikaċja tas-settur pubbliku. Minħabba s-severità tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-miżuri ta' awsterità għadhom qegħdin iħallu impatt notevoli fuq il-ħaddiema fis-settur pubbliku, iżda hemm inqas diskontinwità mar-riformi organizzattivi u maniġerjali preċedenti. Dawn il-pajjiżi għamlu xi użu minn miżuri ta' ekonomija, iżda dawn huma f'forum aktar dilwiti — l-iffriżar tal-pagi minflok tnaqqis tal-pagi u restrizzjonijiet fuq l-impjegar minflok tnaqqis immedjat fl-ammont ta' ħaddiema. Differenza importanti mill-ewwel grupp ta' pajjiżi mhijex id-daqs tas-settur pubbliku, iżda l-legat tal-modernizzazzjoni. Dan il-grupp huwa eżemplifikat mill-Ġermanja u l-pajjiżi Nordiċi, flimkien ma' Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi u, b'ċerta attenzjoni, ir-Renju Unit. Dawn il-pajjiżi ma ffaċċjawx taqlib fis-suq u kriżi fiskali immedjati, iżda komplew bir-riformi aktar fit-tul tar-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku. Id-djalogu soċjali sikwit sab ruħu taħt pressjoni, iżda kien hemm aktar sforzi konġunti sabiex isiru konsultazzjonijiet u negozjati mal-ħaddiema fis-settur pubbliku.

Ir-rispons għall-miżuri ta' awsterità jindika bidliet kbar fix-xejriet aktar fit-tul. Il-firxa ta' miżuri ta' awsterità mħaddma tikkonsolida l-bidliet lejn unilateraliżmu minn fuq għal isfel fir-rigward tar-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku. Dan għandu konsegwenzi kemm għal dawk li jħaddmu kif ukoll għall-ħaddiema f'dan is-settur. Min-naħa ta' dawk li jħaddmu, il-lok għal manuvra tal-maniġers pubbliċi qiegħed jtnaqqas b'mod sostanzjali minħabba li l-maniġers pubbliċi għandhom inqas riżorsi x'investu iżda qegħdin taħt pressjoni biex jilhq u l-miri fiskali. Dan qiegħed jinkoraġġixxi strateġiji li jnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol b'inqas ħaddiema li huma impjegati taħt termini u kundizzjonijiet inqas vantaġġjużi u li jqajmu mistoqsijiet dwar kemm is-settur pubbliku għadu impjegatur mudell. Barra minn hekk, ir-regolamentazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol permezz ta' negozjar kollettiv hija limitata ħafna minħabba t-tnaqqis fir-riżorsi disponibbli, l-iffriżar tal-pagi u

s-sospensjoni tal-mekkaniżmi normali tan-negozjar. Bħalissa qiegħed jiżviluppa unilateraliżmu ċentralizzat ġdid, li jixbah ir-regolamentazzjoni unilaterali tradizzjonali tar-relazzjonijiet industrijali fis-settur pubbliku mill-awtoritajiet politiċi ċentrali, b'enfasi ġdida fuq l-effettività u l-effikaċja, minflok fuq l-imparzjalità u l-ekwità.

Għat-trejdjunjins, is-settur pubbliku ma abbandunax l-attentati li jkun impjegatur mudell, iżda dan il-prinċipju għandu prijorità ferm aktar baxxa milli kellu fil-passat. It-trejdjunjins fis-settur pubbliku tpoġġew taħt pressjoni u, fir-rigward tal-biċċa l-kbira tar-riformi li għaddejjin bħalissa, ir-rwol tagħhom safa mdgħaj-jef. Ir-riskju huwa li b'nuqqas ta' fehim reċiproku, ir-riformi se jrrin jipromwovu biss l-iffriżar, tant li jħallu miftuħa l-kwistjoni tal-kwalità tas-servizzi u l-kapaċità li jwassluhom.

Kapitolu 5 — Djalogu soċjali aktar ekoloġiku

Impenn ewlieni tal-istrateġija Ewropa 2020 huwa li tikseb it-tranżizzjoni lejn il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali, b'mod partikolari f'termini tas-sorsi tal-enerġija. L-għan huwa li din il-mira tintlaħaq bl-implimentazzjoni ta' mogħdija "mmexxija mill-politika", li jinkisbu emissjonijiet aktar baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra, li tinkiseb aktar enerġija minn sorsi rinnovabbli u li jtnaqqas il-konsum tal-enerġija. Il-ġenerazzjoni ta' impjegi ġodda u t-trasformazzjoni tal-impjegi eżistenti f'oħrajn "ekoloġiċi" u "aktar ekoloġiċi" ser ikunu jeħtieġu ħiliet ġodda u bidla fl-attitudni. Kwistjoni ewlenija hija r-rwol li jista' jkollhom l-imsieħba soċjali f'dan ir-rigward, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq l-istedina tal-awtoritajiet pubbliċi. L-involviment tal-imsieħba soċjali f'din l-aġenda kompli jżded b'mod gradwali, iżda l-istampa Ewropea hija ferm 'il bogħod minn waħda omoġenja, bi spettru wiesa' ta' prattika f'dak li għandu x'jaqsam mal-livelli ta' involviment u mobilizzazzjoni. Ftit li xejn huwa magħruf dwar l-impatt potenzjali tal-proċess sabiex l-ekonomija ssir aktar ekoloġika fuq il-kwalità tal-impjegi, iżda ma għandhiex titqies bħala ħaġa ovvja li ser ikun hemm impatt pożittiv. L-atturi soċjali jemmnu li, l-ewwel u qabel kollox, il-proċess sabiex l-ekonomija ssir aktar ekoloġika ser ikollu l-akbar impatt fuq id-dimensjoni tal-ħiliet u t-taħriġ tal-kwalità tal-impjegi, filwaqt li s-sigurtà tal-impjegi u tal-karrieri, il-ħin tax-xogħol u l-ħin ta' barra x-xogħol, is-saħħa u s-sigurtà u l-infrastruttura soċjali se jrrin ikunu inqas affettwati.

L-eżempji tad-djalogu soċjali li jirrigwardjaw dawn il-kwistjonijiet jinstabu l-aktar f'setturi fejn l-imsieħba soċjali huma diġà rrappreżentati tajjeb. Ftit li xejn insibu eżempji ta' djalogu fl-industrija emerġenti ġodda. Fis-settur tal-elettriku, kif ukoll tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, dan jiġi ddeterminat minn kemm ikun "stabbilit" is-sors tal-enerġija. Huwa biss f'każijiet fejn il-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli diġà kienet saret għal perjodu

ta' żmien relattivament twil f'pajjiż (pereżempju l-ġenerazzjoni tal-enerġija idro-elettrika) jew fejn il-fornituri tal-enerġija stabili jkunu dejjem aktar l-enerġija minn sorsi rinnovabbli, li dan is-subsettur huwa rrappreżentat tajjeb mill-atturi tradizzjonali f'kumpaniji stabili. Fl-industrija emerġenti ġodda (bħall-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-bijomassa, mir-riħ u minn sorsi fotovoltaċi), il-kumpaniji huma eteroġeni ħafna. Ħafna minnhom huma entitajiet żgħira ħafna f'żoni remoti u għalhekk ma jistgħux jintlaħqu u mhumiex fl-interess tal-imsieħba soċjali. Min-naħa ta' dawk li jħaddmu, ħafna assoċjazzjonijiet ta' negozji ġew ifformati bl-intenzjoni li jirrappreżentaw lill-kumpaniji fis-settur, iżda dawn l-assoċjazzjonijiet għadhom ma ġew żviluppati f'organizzazzjonijiet ta' msieħba soċjali komprensivi bid-dritt li jinnegozjaw. Min-naħa tat-trejdjunjins, hemm xi eżempji ta' strateġiji ta' reklutaġġ attiv fis-setturi emerġenti ġodda fi ftit pajjiżi biss, bħall-Ġermanja, il-Portugall u r-Renju Unit. F'pajjiżi oħrajn, bħal Malta u Ċipru, is-settur tal-enerġija rinnovabbli għadu fil-bidu tiegħu u ma jista' jiġi osservat ebda tentattiv sabiex tinħoloq rappreżentanza.

Filwaqt li l-impenn tal-Ewropa lejn it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livelli baxxi ta' karbonju huwa wieħed ċar, it-tnaqqis riċenti mmexxi mill-miżuri ta' awsterità fis-sussidji pubbliċi, l-inċentivi fiskali, it-tariffi feed-in u miżuri oħrajn ta' appoġġ pubbliku jstgħu jżommu lura l-proċess sabiex l-ekonomija ssir aktar ekoloġika. Id-dejta mill-Osservatorju għar-Ristrutturazzjoni Ewropew (ERM) turi li bħal kwalunkwe industrija li għadha fil-bidu tagħha, is-setturi ekoloġiċi qegħdin jiffaċċjaw livelli sinjifikanti ta' taqlib. Dan jikkonċerna l-aktar lil dawk il-kumpaniji fl-industrija tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx, li qegħdin taħt pressjoni minħabba l-kapaċità eċċessiva u l-kompetizzjoni akbar miċ-Ċina, flimkien mal-fatt li xi Stati Membri biddlu l-iskemi ta' appoġġ tagħhom għal dawn l-industriji. Madankollu, fl-istess ħin, it-tkabbir tal-impjiegi fil-qasam tal-ekonomija ekoloġika kien fattur pożittiv matul ir-riċessjoni u mistenni jibqa' pjuttost b'saħħtu. Barra minn hekk, ġew irreġistrati każijiet ta' ħolqien ta' impjiegi bbażati fuq għarfien intensiv fis-setturi tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

It-tisħiħ u l-promozzjoni tal-attivitajiet tal-imsieħba soċjali fil-livelli kollha (il-livell tal-kumpaniji, reġjonali, settorjali, nazzjonali u Ewropew) huma kruċjali għat-tranżizzjoni b'suċċess lejn ekonomija b'livelli baxxi ta' karbonju. Hemm inizjattivi interessanti tal-imsieħba soċjali f'livelli differenti, li huma maħsuba sabiex jenfasizzaw x'jista' jsir. Madankollu, xorta waħda għad hemm sfidi kbar. Pereżempju, il-provvediment ta' taħriġ vokazzjonali u faċilitajiet ta' taħriġ mill-ġdid fil-livell settorjali huwa approċċ promettenti, filwaqt li d-disponibbiltà ta' tali miżuri tiżgura li l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) ukoll ikollhom aċċess għal dawn il-faċilitajiet. L-inklużjoni ta' dawn l-SMEs hija kruċjali, meta wieħed iqis li s-subsetturi emerġenti ġodda sikwit jiġu frammentati. Sfida oħra sejra tkun li l-ħiliet fl-użu ta' teknoloġiji b'livelli baxxi ta' karbonju jiġu armonizzati fit-tipi kollha ta' taħriġ, kurrikuli u apprendistati. Fl-aħħarnett, l-"eko-innovazzjonijiet" organizzattivi fil-parteċipazzjoni jstgħu

b'mod utli jintalbu fil-livell tal-kumpaniji. Dan l-approċċ jista' jkun jikkonsisti fl-involviment tar-rappreżentanti tal-impjegati jew tat-trejdjunjins fi strutturi b'ġestjoni ekoloġika b'responsabbiltà għal taħriġ relatat ma' aspetti ambjentali jew verifiki tal-enerġija jew inkella fl-inklużjoni ta' miri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija u benefiċċji għall-impjegati fi ftehimiet kollettivi. Fil-livell Ewropew, il-Fond Soċjali Ewropew huwa għodda importanti li tappoġġja t-tranżizzjoni tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet u impjiegi aktar ekoloġiċi.

Kapitolu 6 — L-involviment tal-imsieħba soċjali fis-sistemi tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji għall-qgħad fl-UE

Hemm differenzi kbar bejn is-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji għall-qgħad, iżda komuni għal dawn kollha hemm kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi perċepiti tal-involviment tal-imsieħba soċjali fil-formulazzjoni tal-politika. Madankollu, in-natura preċiża ta' dan tiddependi fuq kwistjonijiet bħar-relazzjoni bejn l-imsieħba soċjali u dawk li jfasslu l-politika, kif ukoll ir-rwol eżatt illi huma għandhom. L-involviment tal-imsieħba soċjali fl-iżvilupp tal-politika soċjali jinsab fl-interazzjoni bejn ir-relazzjonijiet industrijali u l-politika soċjali, billi ħafna eżiti tal-politika soċjali, bħall-piżijiet soċjali, għandhom effett dirett fuq is-salarju nett. Għalhekk, dan jorbot lill-imsieħba soċjali aktar mill-qrib f'diskussjonijiet dwar il-politika soċjali u r-riforma tal-benefiċċji. Fil-passat, kien hemm għażla ta' kompromess bejn il-moderazzjoni tas-salarji u d-drittijiet soċjali (jiġifieri żidiet aktar baxxi fis-salarji fi skambju għat-titjib fid-drittijiet soċjali), iżda l-kompetizzjoni ekonomika internazzjonali tal-lum u l-limiti fuq l-infiq tal-benefiċċji soċjali tal-Istat ma għadhomx jippermettu li jsir tali skambju. Jeħtieġ li tingħata ħarsa bilanċjata lejn ir-rwol ta' dawk li jħaddmu u tal-unjins sabiex jinftiehem l-isfidi kontinwi li jiffaċċjaw dawk li jħaddmu u l-unjins, il-bidliet fir-responsabbiltà bejn l-atturi Statali u mhux Statali, kif ukoll ir-riperkussjonijiet ta' dan għall-inugwaljanza fid-dħul u għas-sigurtà soċjali.

Hemm xejriet u sfidi komuni għall-involviment u l-influenza tal-imsieħba soċjali fuq is-sistemi tal-benefiċċji għall-qgħad, bħal li jipprova jadattaw għall-iżviluppi tas-suq tax-xogħol u għall-iżviluppi ekonomiċi tal-aħħar 20 sena, flimkien mar-reazzjoni tal-imsieħba soċjali għal dan. Aktar riċenti, il-kriżi ekonomika kkawżat sfida kbira għas-sistemi tal-benefiċċji għall-qgħad.

L-involviment tal-imsieħba soċjali fil-pensjonijiet u fir-riforma tal-pensjonijiet huwa qasam ta' politika li, fid-dawl tad-demografija dejjem tinbidel, huwa meqjus bħala prijorità estremament għolja għall-gvernijiet. Hemm vantaġġi ċari fl-inkoraġġiment tal-imsieħba soċjali sabiex jinvolvu ruħhom fir-riforma tal-pensjonijiet, marbuta

mal-iżguraw ta' soluzzjonijiet sostenibbli għal din il-kwistjoni ta' politika ewlenija fit-tul. Madankollu, hemm il-biża' li l-imsieħba soċjali ma jkunux jistgħu jwasslu r-riformi radikali li huma meħtieġa f'xi każijiet. Ċertament, l-aħħar ftit snin raw oppożizzjoni kbira għall-pjanijiet ta' riforma tal-pensjonijiet min-naħa tat-trejdjunjins f'haġna Stati Membri tal-UE. F'xi każijiet, il-gvernijiet implimentaw kontroproposti għall-imsieħba soċjali, iżda f'każijiet oħrajn, l-influenza tal-imsieħba soċjali kienet waħda negliġibbli. Il-provvediment ta' pensjonijiet fit-tieni u fit-tielet livell huwa qasam ta' tkabbir ċar, li jimla n-nuqqas li tħalla mill-provvediment dejjem jonqos mill-Istat, u dan jirrappreżenta opportunità għall-imsieħba soċjali sabiex isiru ferm aktar attivi fil-formulazzjoni u l-ġestjoni tal-provvediment, b'mod partikolari fil-każ tal-pensjonijiet tax-xogħol.

Madankollu, għad hemm sfidi ewlenin, mhux l-inqas l-impatt kontinwu tal-kriżi. Il-gvernijiet kienu taħt pressjoni sabiex iwettqu riformi ta' ffrankar tal-ispejjeż fil-kuntest tal-awsterità, fi ħdan il-kuntest ta' hteġa li wiegħbu għall-iżviluppi demografiċi. F'haġna każijiet, it-trejdjunjins u xi drabi l-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu kienu kontra l-pjanijiet tal-gvern u, f'xi okkażjonijiet, irnexxielhom jinfluwenzaw il-politika, iżda l-veloċità kbira tal-avvenimenti u l-hteġa li jiġu mbottati r-riformi immedjatament kienet tisser li l-influenza tal-imsieħba soċjali xi drabi kienet limitata.

Dawn l-iżviluppi kollha jirrappreżentaw sfidi sinjifikanti għall-imsieħba soċjali. Il-gvernijiet huma ċertament taħt pressjoni sabiex isibu soluzzjonijiet għal, minn naħa waħda l-isfidi akuti haġna kkawżati mill-kriżi u, min-naħa l-oħra l-isfidi aktar fit-tul ikkawżati minn bidliet ekonomiċi u demografiċi. Mod wieħed ta' kif jinkiseb dan huwa li jitfittex kunsens ma' partijiet interessati bħall-imsieħba soċjali. Madankollu, l-imsieħba soċjali ser ikollhom bżonn jiżviluppaw strateġiji sabiex jiżguraw li jibqgħu fuq il-mejda tan-negożjati meta l-gvernijiet ikunu qegħdin jifformulaw reazzjonijiet rapidi għall-kriżi. L-iżvilupp ta' provvediment tal-pensjoni fit-tieni u fit-tielet livell jirrappreżenta opportunità reali għall-imsieħba soċjali sabiex isiru partijiet interessati ewlenin fir-riforma. Madankollu, jeħtieġ li huma jidentifikaw strateġija aktar fit-tul b'reazzjoni għal dan, sabiex jiżguraw il-pożizzjoni tagħhom bħala parteċipanti fl-iżvilupp ta' dan it-tip ta' provvediment, minflok li sempliċement jiddependu fuq ir-regolamentazzjoni tal-Istat.

Kapitolu 7 — L-iżviluppi tad-djalogu soċjali Ewropew matul il-perjodu 2010–2012

L-istrutturi tad-djalogu soċjali fil-livell Ewropew għadhom forum importanti għad-diskussjonijiet u n-negożjati bejn l-imsieħba soċjali kemm fil-livell inter-industrijali kif ukoll fil-livell soċjali settorjali madwar l-UE. Matul l-aħħar sentejn, ir-rappreżentanti tal-ġestjoni u tax-xogħol qablu fuq aktar minn 70 test konġunt,

wettqu għadd numeruż ta' proġetti u bdew jikkooperaw f'setturi ekonomiċi ġodda. B'mod ġenerali, is-sena 2012 rat għadd sinjifikanti ta' ftehimiet iffirmati mill-imsieħba soċjali. Tnejn minn dawn, li jistabbilixxu standards minimi fis-setturi tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u tal-hairdressing, intalbu mill-imsieħba soċjali sabiex jiġu implimentati permezz ta' leġiżlazzjoni tal-UE taħt l-artikolu 155.2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-istess talba hija mistennija mill-imsieħba soċjali tas-settur tas-sajd mill-baħar ladarba jiġi ffinalizzat il-ftehim tagħhom. Dawn it-talbiet, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-ftehim fis-settur tal-hairdressing, saru s-suġġett ta' ċerta attenzjoni mill-midja u ta' dibattitu politiku fl-2012. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni qiegħda tevalwa ż-żewġ ftehimiet b'mod imparzjali u ma ħadet ebda deċiżjoni dwar jekk għandhiex tipproponi jew le l-implimentazzjoni leġiżlattiva tagħhom. B'kuntrast ma' dan, sejjer jiġi implimentat ftehim ġdid fis-settur tal-futbol professjonali b'mod awtonomu mill-imsieħba soċjali skont il-proċeduri u l-prattiki speċifiċi għall-ġestjoni u x-xogħol u għall-Istati Membri. Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali inter-industrijali kienu ilhom jagħmlu negożjati fuq ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol sa minn Diċembru 2011. Madankollu, dawn in-negożjati ġew fi tmiemhom fl-aħħar tal-2012 mingħajr ma ntlaħaq ebda qbil.

L-effetti fuq l-impjegati u l-effetti soċjali tal-kriżi ekonomika u finanzjarja baqgħu prijorità għall-imsieħba soċjali inter-industrijali, kif ukoll għal haġna kumitati tad-djalogu soċjali settorjali. B'mod partikolari, l-effetti tar-ristrutturar tas-settur pubbliku kkawżati mill-kriżi serja tad-dejn ġew indirizzati minn bosta kumitati li jirrappreżentaw lil dawk li jħaddmu u lill-impjegati fis-settur pubbliku. Fl-aħħar tal-2012, l-imsieħba soċjali fis-settur tal-amministrazzjonijiet tal-gvern ċentrali adottaw qafas ta' azzjoni fuq servizzi ta' kwalità, fejn huma jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw il-valuri prinċipali ta' servizzi ta' interess ġenerali sabiex itejbu l-iżvilupp, il-viżibilità u l-adattabilità tas-servizzi pubbliċi f'kuntest ta' kriżi. Fl-2012 ukoll, l-imsieħba soċjali tal-gvern lokali u reġjonali adottaw serje ta' rakkomandazzjonijiet li jifformaw qafas għal azzjoni maħsuba biex tikkontribwixxi għal Ewropa soċjali u sostenibbli fil-livell lokali u reġjonali li tappoġġja lis-settur pubbliku bħala impjegatur. L-għan ewlieni huwa li l-impjegati u l-gvernijiet lokali u reġjonali jiġu mħejjija aħjar fl-irwol tagħhom bħala impjegaturi għax-xenarji dejjem jinbidlu tal-postijiet tax-xogħol. L-imsieħba soċjali mill-amministrazzjonijiet tal-gvern ċentrali u minn gvernijiet lokali u reġjonali adottaw ukoll opinjonijiet konġunti dwar l-impatt tal-kriżi ekonomika. Ir-rappreżentanti tas-setturi tal-edukazzjoni, tal-isptarijiet u tal-kura tas-saħħa ħadmu fuq il-proċessi usa' tar-ristrutturar.

L-imsieħba soċjali mis-settur tal-enerġija wiegħbu b'mod attiv għall-politika tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Id-dimensjoni soċjali tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 u tranżizzjoni bla xkiel u ġusta lejn settur tal-enerġija aktar "ekoloġiku" u sostenibbli kienu l-kwistjonijiet ewlenin. Is-settur tal-enerġija mistenni jgħaddi minn

trasformazzjoni kbira fis-snin li ġejjin u l-imsieħba soċjali settorjali għamlu enfasi fuq l-importanza tad-djalogu soċjali u tal-konsultazzjonijiet f'dawn iż-żminijiet turbulenti.

Minbarra l-isfidi li jirriżultaw mill-kriżi u l-ħtieġa li l-ekonomija ssir "aktar ekoloġika", kien hemm kwistjonijiet oħrajn li kellhom irwol sinjifikanti fil-ħidma tal-kumitati tad-djalogu soċjali. Minbarra l-inizjattivi proprja tal-imsieħba soċjali, il-konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni u l-involvement tal-imsieħba soċjali fil-valutazzjonijiet tal-impatt jaġixxu bħala fatturi li jwasslu għall-ħidma tal-kumitati tad-djalogu soċjali. Is-saħħa u s-sigurtà baqgħu qasam ta' politika importanti għal ħafna kumitati u l-aħħar sentejn raw bosta inizjattivi ġodda f'dan il-qasam, inklużi proġetti, stqarrijiet komuni, dikjarazzjonijiet konġunti u skambji ta' informazzjoni f'setturi li jvarjaw mill-agrikoltura għall-konstruzzjoni sas-servizzi pubbliċi. It-tema relatata mal-kundizzjonijiet tax-xogħol ġiet diskussa mill-imsieħba soċjali fis-setturi tas-sigurtà privata, l-avjazzjoni ċivili u t-trasport bit-triq. L-imsieħba soċjali komplew ukoll bil-ħidma tagħhom fuq il-bini tal-kapaċità, b'mod partikolari fost l-Istati Membri ġodda. Fost l-oħrajn, ġew organizzati miżuri ta' bini ta' kapaċità, ġeneralment fil-forma ta' proġetti u sessjonijiet ta' taħriġ differenti, fis-settur tal-konstruzzjoni, fis-settur tal-agrikoltura, fis-settur bankarju u fis-settur tal-assigurazzjoni.

Il-politika dwar ix-xogħol, l-edukazzjoni vokazzjonali u l-ħiliet kienu s-suġġetti li ġew indirizzati kemm fil-kumitati tad-djalogu soċjali settorjali kif ukoll f'dawk inter-industrijali. Studju konġunt dwar il-flessigurtà, li twettaq mill-imsieħba soċjali inter-industrijali, wera li jekk tiġi implimentata kif suppost, il-flessigurtà tista' tikkostitwixxi soluzzjoni li biha jgawdi kulħadd, tant li tissodisfa kemm lit-trejdjunjins kif ukoll lil dawk li jħaddmu. Madankollu, l-istudju indika ħafna sfidi assoċjati mal-flessigurtà u żvela riżultati inkwetanti minn bosta Stati Membri.

L-ugwaljanza bejn is-sessi baqgħet suġġett importanti għall-imsieħba soċjali. Jeħtieġ li jkomplu jissaħħu l-impenji u l-azzjonijiet sabiex tingħata spinta lill-ugwaljanza bejn is-sessi permezz tad-djalogu soċjali u t-tripartitiżmu. Saru proġetti dwar l-impjeg tan-nisa fis-settur tat-trasport pubbliku urban u dwar in-nisa fit-trasport bil-ferrovija sabiex tinkiseb dejta, jiġu enfasizzati Prattiki tajbin u jiġu fformulati xi rakkomandazzjonijiet. Fis-settur awdjoviv, ġie adottat qafas ta' azzjonijiet għall-indirizzar ta' kwistjonijiet bħall-pagi ugwali jew ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja personali. Il-fattur tal-pagi ugwali bejn in-nisa u l-irġiel kien ukoll l-interess prinċipali ta' stqarrija komuni maqbula mill-imsieħba soċjali fis-settur tal-amministrazzjoni tal-gvern ċentrali. Madankollu, jeħtieġ li titwessa' l-kopertura tas-setturi u li l-imsieħba soċjali Ewropej jiġu mħeġġa jżommu l-ugwaljanza bejn is-sessi f'pożizzjoni prominenti fuq l-aġenda tagħhom bħala prijorità orizzontali, filwaqt li jimplementaw azzjonijiet speċifiċi mhux biss fil-qasam tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u

n-nisa, iżda wkoll fil-prijoritajiet l-oħrajn li ġew inklużi qabel fil-Qafas tal-Azzjonijiet. B'mod partikolari, jeħtieġ li jittieħdu passi sabiex titnaqqas is-segregazzjoni bejn is-sessi, sabiex jittieġeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja f'setturi li huma ddominati l-aktar mill-irġiel u sabiex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa f'setturi li huma ddominati l-aktar min-nisa.

Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali minn setturi differenti ddeċidew li jindirizzaw b'mod konġunt xi problemi ta' importanza supra-settorjali. Bħala riżultat ta' dawn l-inizjattivi, ġew iffirmati linji gwida komuni mill-imsieħba soċjali Ewropej fis-setturi tal-ispertarjiet, tal-gvern reġjonali u lokali, tal-edukazzjoni, tal-kummerċ u tas-servizzi ta' sigurtà privata bil-għan li jiġu indirizzati l-vjolenza mwettqa minn partijiet terzi u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Bl-istess mod, l-imsieħba soċjali mill-industriji tat-tindif, tal-catering u tat-tessuti ssieħbu fl-inizjattiva tal-kumitat tad-djalogu soċjali għas-sigurtà privata sabiex jadottaw opinjoni konġunta dwar l-obbligi soċjali tal-offerenti.

In-numru ta' kumitati tad-djalogu soċjali kompli jżied. Il-41 kumitat tad-djalogu soċjali settorjali ġie stabbilit fl-2012 fl-industrija tal-ikel u x-xorb. B'dan l-iżvilupp, illum il-ġurnata jeżistu kumitati tad-djalogu soċjali settorjali Ewropej kważi għas-setturi industrijali kollha. L-imsieħba soċjali mis-setturi tal-grafika, tal-portijiet, tal-isport u tar-rikreazzjoni attiva qegħdin jaħdmu wkoll sabiex fil-futur qrib iwaqqfu kumitati tad-djalogu soċjali.

Kapitolu 8 — Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar ix-xogħol 2010–2012

Fil-qafas tal-istrateġija globali tal-Ewropa 2020 u speċifikament l-"Aġenda għal ħiliet u impjegi ġodda", l-inizjattivi leġiżlattivi tal-UE mnedija matul il-perjodu 2010–2012 kellhom l-għan li jtejbju l-funzjonament tas-suq tax-xogħol u li jtejbju l-kwalità tal-impjegi fl-isfond tar-rekord għoli ta' qgħad, li ddeterjora l-kundizzjonijiet tax-xogħol matul il-kriżi, iżda wkoll fl-isfond tar-riżultati mħalltin dwar il-kwalità tal-impjegi fl-Ewropa matul l-aħħar għaxar snin. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ffokat l-ewwelnett fuq reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u fuq il-promozzjoni ta' strumenti "mhux vinkolanti" bħala partijiet minn qafas legali "aktar intelliġenti" tal-UE għall-impjegi u, it-tieni, fuq reviżjoni tal-istrateġija Ewropea dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Fil-livell Ewropew, l-imsieħba soċjali kienu attivi ħafna u rnexxielhom jikkonkludu bosta ftehimiet Ewropej (ara l-kapitolu 7 għad-dettalji). Dan il-kapitolu jħares ukoll lejn l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi tal-UE, billi jagħti eżempji ta' bosta sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-qasam tal-implimentazzjoni tal-liġi

dwar ix-xogħol, kif ukoll fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Żviluppi trans-settorjali kbar fil-liġi tal-UE dwar ix-xogħol jinkludu l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni dwar it-titjib tal-infurzar tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema u r-reviżjoni kontinwa tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol. Fir-rigward ta' din tal-aħħar, l-imsieħba soċjali trans-settorjali ewlenin fil-livell tal-UE kienu qegħdin jagħmlu negozjati dwar ir-reviżjoni, li ntemmu mingħajr ebda qbil fl-aħħar tal-2012. Il-ftehimiet settorjali bejn l-imsieħba soċjali settorjali, fis-settur tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u fis-settur tal-hairdressing, bħalissa qegħdin jiġu evalwati mis-servizzi tal-Kummissjoni bil-għan li possibbilment jiġu sottomessi lill-Kunsill sabiex eventwalment jiġu adottati (ara l-kapitolu 7 għad-dettalji). Id-Direttiva 2009/13/KE, li timplimenta l-ftehim tal-imsieħba soċjali rigward il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (ILO, 2006), sejra tidħol fis-seħħ nhar l-20 ta' Awwissu 2013, jiġifieri simultanjament mad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni msemmija fuq. Wara t-tieni stadju tal-konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali fuq ir-reviżjoni tal-esklużjoni tal-ħaddiema tat-tbaħħir mill-ambitu personali tal-applikazzjoni ta' għadd ta' Direttivi dwar il-liġi tax-xogħol tal-UE, bħalissa, il-Kummissjoni qiegħda tiffinalizza l-valutazzjoni tal-impatt tagħha u tikkunsidra proposta li tirrigwardja inizjattivi ta' segwitu f'dan il-qasam. Id-direttiva dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija u d-direttiva riformulata dwar il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej ġew implimentati fl-Istati Membri.

Skont il-prinċipji ta' regolamentazzjoni "intelliġenti", il-Kummissjoni vvalutat l-operat u l-effetti ta' bosta Direttivi sabiex tkun tista' tevalwa jekk humiex addattati għall-iskop previst, jew inkella sabiex tara jekk għandhomx bżonn jiġu kkjarifikati jew aġġornati. Fil-qasam tal-liġi dwar ix-xogħol, bħalissa qiegħed jitwettaq l-ewwel kontroll tal-kundizzjoni fil-qasam tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Matul l-aħħar sentejn saru sitt revizionijiet differenti tal-implimentazzjoni tad-Direttivi.

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni 2011 dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-istrateġija tal-UE fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà rrapporta li aktar minn 5,500 ħaddiem fl-UE jmutu kull sena minħabba inċidenti relatati max-xogħol, li juri li l-azzjoni f'dan il-qasam għadha importanti ħafna. Bħalissa qiegħda tiġi evalwata l-istrateġija Ewropea attwali 2007–2012 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u r-risultati miksuba għandhom jinfluwenzaw l-iffissar tal-prijoritajiet strateġiċi għall-perjodu 2013–2020. Din hija l-ewwel darba li evalwazzjoni *ex post* qiegħda tkopri qasam sħiħ tal-politika soċjali.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni qiegħda tissokta l-ħidma tagħha fuq l-adattament tal-leġiżlazzjoni attwali għal riskji emerġenti jew speċifiċi (pereżempju: il-kampijiet elettromanjetiċi, it-tipjip tat-tabakk fuq il-post tax-xogħol, id-disturbi muskuloskeletal) u ħadet sehem fl-iżvilupp ta' strumenti politiċi "mhux vinkolanti" bħal linji gwida dwar l-espożizzjoni għall-asbestos jew l-aqwa prassi fl-agrikoltura.

Il-Kummissjoni Ewropea

Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2012 — Sommarju Eżekuttiv

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2013 — 13 pp. — 21 × 29,7 cm

ISBN 978-92-79-29116-6

ISSN 1831-2942

doi:10.2767/37120

Sommarju eżekuttiv tar-rapport dwar *Ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa 2012*: Dan is-sommarju eżekuttiv tar-rapport iħares lejn kif evolwew ir-relazzjonijiet industrijali mill-aħħar ħarġa tagħna fl-2010. Hekk kif il-kriżi finanzjarja żviluppat fi kriżi tad-dejn sovrani, ir-riformi tal-gvernijiet kellhom impatt fundamentali fuq ir-relazzjonijiet bejn l-impjegaturi, it-trejdjunjins u l-awtoritajiet pubbliċi. Filwaqt li d-djalogu soċjali kien fattur ta' felħan fl-għelib tal-effetti bikrin tal-kriżi, it-tul ta' żmien kemm dam għaddej u l-profondità tiegħu issa rriżultaw f'ambjent mhux favorevoli għad-djalogu soċjali. Madankollu, is-sommarju jenfasizza l-importanza ta' djalogu strutturat sew u ssuktat u jisħaq fuq l-impenn tal-Kummissjoni li tappoġġah u li tippromwovi l-kontinwazzjoni tiegħu.

Is-sommarju huwa disponibbli f'format elettroniku fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, waqt li r-rapport sħiħ huwa disponibbli bl-Ingliż f'format stampat.

X'GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mil-link <http://ec.europa.eu> jew billi tibgħat fax f'dan in-numru: +352 2929-42758

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u Ir-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

Jinteressaw **il-pubblikazzjonijiet** tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjigi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni?

Jekk iva, tista' tniżżilhom mill-Internet jew tabbona għalihom bla ħlas minn <http://ec.europa.eu/social/publications>

Nistiednuk ukoll li tinkiteb sabiex tibda tirċievi n-newsletter elettronika *Social Europe* tal-Kummissjoni Ewropea bla ħlas fuq <http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>

<http://ec.europa.eu/social/>

www.facebook.com/socialeurope



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-29116-6



9 789279 291166

doi:10.2767/37120